# Linji gwida għal Supermarkets, Negozji tal-Ikel

Dawn il-linji gwida saru biex jgħin lil persuni li huma sidien, imexxu jew jaħdmu f'negozji tal-ikel biex inaqsu r-riskju ta' trażmissjoni tal-coronavirus lill-membri ta' l-istaff u lill-klijenti. Il-coronavirus jnfirex permezz ta' qtar respiratorju. Dan jista' jinfirex waqt li wieħed jagħtas jew jisogħol jew meta persuni jkunu qrib xulxin f'distanza żgħira (normalment inqas minn metru). Wieħed jista' jiġi infettat billi bin-nifs tiegħu jiġbed il-partiċelli tal-virus jew billi jmiss uċuħ kontaminati u mbagħad imiss għajnejh, imnieħru jew ħalqu.

Is-sintomi tal-infezzjoni tal-COVID jistgħu jvarjaw minn individwu li jkollu sintomi ħfief, għal uħud aktar komuni li jinkludu deni, sogħla u diffikultajiet tan-nifs jew nuqqas ta' nifs. Sintomi oħrajn inqas komuni jistgħu jkunu jinkludu wġiegħ ta' ras, uġiegħ fil-muskoli, għejja, remettar u diarrhoea. Xi persuni rrappurtaw ukoll tibdil jew telf tas-sens tax-xamm jew bidla tas-sens meta jtiegħem.

Ir-riċerka qed turi li hemm varjazzjoni f'kemm jista' idum ħaj il-virus fuq uċuħ differenti. Huwa maħsub li fuq il-kartun u materjali tar-ram il-virus jista' jibqa' ħaj għal ħafna sigħat u nstab li fuq oġġetti tal-plastik u *stainless steel* il-virus jista' jibqa' ħaj għal ftit jiem. Fil-preżent huwa maħsub li r-riskju ta' trażmissjoni tal-coronavirus minn ikel jew ikel ippakkjat huwa baxx u ma ġiex rappurtat bħala sors konfermat ta' teħid. Madankollu, hemm riskju teoretiku. Il-prattika ta' iġjene tajba tal-idejn qabel u wara ix-xiri jew l-immaniġġjar tal-affarijiet tal-ikel jistgħu jilqgħu għal dan ir-riskju.

## X'jista' jsir biex ikun assigurat li fl-istabbilimenti jitnaqqas ir-riskju għall-istaff u l-klijenti?

### Staff Ġenerali

Assigura li membri tal-istaff li jkollhom xi sintomi jibqgħu d-dar u jirrapportaw li huma ma jifilħux.

Jekk xi ħadd mill-istaff jiżviluppa xi sintomu/i li huma suġġettivi għall-COVID għandhom b'mod immedjat iċemplu għall-għajnuna fuq il-Helpline tas-Saħħa Pubblika 111.

L-istaff għandu jkun provdut b'faċilitajiet adekwati li jgħinuhom jaħslu idejhom regolarment bis-sapun u l-ilma. Il-provdiment ta' *sanitizers* tal-idejn li jkunu mill-inqas 70% *alkoħol* għandu jikkumplimenta l-faċilitajiet tal-ħasil tal-idejn.

L-istaff superviżorju u tat-tmexxija għandu jassigura li tkun qed titħaddem it-teknika korretta tal-ħasil tal-idejn.

Posters li juru t-teknika korretta tal-ħasil tal-idejn jinsabu u jistgħu jitniżżlu minn fuq www.covid19health.gov.mt (Annex 1) April 2020

Jekk xi membru tal-istaff jassisti lil xiħadd li jkun ma jiflaħx jew li jirrealizzaw li kellu d-deni, dak il-membru tal-istaff għandu jaħsel idejh sewwa għal mill-inqas 20 sekonda wara li jkun assista lil dak l-individwu u għandu jiżola lilu nnifsu sakemm tkun iċċarata s-sitwazzjoni.

Mhux jingħata parir li jintuzaw l-ingwanti mill-impjegati peress li dan jista' jwassal biex l-istaff ma jkomplix bil-ħasil spiss tal-idejn. Jekk ikun meħtieġ l-użu tal-ingwanti, allura għandhom jintużaw par ingwanti għal kull klijent, u l-istaff għandu jillimita l-mess ta' oġġetti u wċuħ bl-istess ingwanti.

## L-iġjene tal-istabbiliment

- Assigura l-indafa ġenerali regolari tal-post bl-użu ta' diterġenti u diżinfettanti ta' rutina li jintużaw fid-djar.
- Assigura li postijiet li jintmessu regolarment bħal uċuħ tal-*counters*, pumi tal-bibien u *switches* jiġu diżinfettati regolarment.
- Il-postijiet fejn isir il-ħlas għandhom ikunu diżinfettati regolarment, mill-inqas mal-bidla ta' kull kaxxier/a.
- Assigura li wċuħ li regolarment jintmessu mill-klijenti bħalma huma l-*handles* tat-*trolleys*, il-pumi tal-bibien tal-*fridges* u l-buttuni tal-liftijiet ikunu diżinfettati regolarment għal ħafna drabi matul il-ġurnata.
- Buttuni fuq makni POS għandhom regolarment jintmesħu tajjeb bl-*alcohol* jew ikunu miksijin bil-plastik li wkoll għandu jinbidel regolarment.
- Avzaw lill-klijenti biex ma jmissux bla bżonn affarijiet tal-ikel, idealment imissu biss dawk l-oġġetti li jkunu se jixtru.

- Fakkar lill-klijenti biex jixtru biss dawk l-oġġetti li jkunu se jużaw.
- Illimita l-iskemi 'ġib il-kontenitur tiegħek stess'.

## Żamma tad-distanza soċjali

Il-parir għaż-żamma tad-distanza soċjali japplika għal kulħadd. Wieħed għandu jassigura li f'kull post u f'kull ħin għandha tinżamm distanza ta' madwar żewġ metri bejn il-persuni fl-istabbiliment u għalhekk għandu jkun ikkunsidrat il-kobor u l-mod li bih huwa imqassam l-istabbiliment. Dan japplika kemm għal meta l-klijenti jkunu fl-istabbiliment kif ukoll meta jkunu barra jistennew biex jidħlu.

**Xi miżuri li jistgħu jkunu implimentati jinkludu:**

- L-użu addizzjonali ta' tabelli li jitolbu lill-klijenti biex ma jidħlux fil-ħanut jekk għandhom xi sintomi. Għal stabbilimenti akbar il-parir huwa li jittestjaw li t-temperatura tal-klijenti ma tkunx aktar minn 37 Grad Celsius.

- Irregola l-entratura b'mod li l-post ma jkunx iffullat u jekk ikun meħtieġ adotta sistema li biha tikkontrolla l-klijenti.

- Għamel sinjali fl-art fl-ispazji kummerċjali biex tgħin li tinżamm id-distanza soċjali ta' żewġ metri, partikolarment fil-postijiet fejn l-aktar li jkun hemm klijenti bħalma huma l-*counters* u l-postijiet fejn isir il-ħlas.
- Jekk huwa possibbli uża tabelli vertikali biex lill-klijenti turihom id-direzzjoni ta' fejn iridu jmorru u b'hekk tiffaċilita l-moviment tal-klijenti waqt li tkun qed tinżamm id-distanza soċjali ta' żewġ metri.
- Fakkar lin-nies biex iżommu distanza adekwata minn xulxin u inkoraġġihom jaħslu idejhom billi jużaw *70% alcohol hand rub* adattat.
- L-użu ta' *plexiglass barriers* fejn hemm il-kaxxiera u l-*counters*, jekk ikun possibbli, huwa protezzjoni addizzjonali kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-klijenti.
- Inkoraġġixxi li fejn huwa possibbli l-ħlas ma jsirx bi flus kontanti, mingħajr ma tiżvantaġġa klijenti anzjani jew vulnerabbli.
- Jekk huwa possibbli pprovdi postijiet fejn jinħaslu l-idejn bis-sapun u l-ilma, jew faċilitajiet bħalma huma *pop-up*, u *sanitizers* tal-idejn.
- Ipprovdi *alcohol wipe dispenser* għall-klijenti biex jimsħu l-*handles* tat-*trolley* qabel u wara li juzawh.
- Esebixxi *posters/videos li* juru l-importanza tal-iġjene tal-idejn u li ma tmissx l-għajnejn, l-imnieħer u l-ħalq.
- Għandu jkun hemm aktar kontenituri fejn il-klijenti jiddisponu minn *tissues* użati.
- Ikkordina r-*rosters* tal-istaff biex tnaqqas il-kuntatt bejn l-istaff ta' gruppi differenti.
- Naqqas il-kuntatt tal-istaff waqt il-ħinijiet tal-mistrieħ biex tassigura li d-distanza fiżika tinżamm fil-ħinijiet kollha.

## ANNEX 1

Ipprattika iġjene personali tajba

AĦSEL idejk regolarment bis-sapun u l-ilma

IBQA’ d-dar jekk ma tiflaħx

EVITA li tmiss wiċċek b’idejk

10 PASSI BIEX TAĦSEL IDEJK

Xarrab idejk bl-ilma

Uża s-sapun

Għorok l-uċuħ ta’ jdejk ma’ xulxin

Daħħal s-swaba bejn xulxin

Għorok ma’ xulxin l-parti ta’ wara ta’ idejk

Aħsel in-naħa t’isfel ta’ subgħak il-kbir

Għorok id-dwiefer

Għorok razzjonalment il-polz ta’ idejk

Laħlaħ idejk bl-ilma

Ixxotta jdejk b’xugaman